



## XIRI TA' OĠĠETTI ONLINE MINN SITI WEB FIR-RENJU UNIT? IFFAMILJARIZZA RUĦEK MALAJR MAR-REGOLI L-ĠODDA

27 TA' JANNAR 2021

L-istess imposti li japplikaw għal oġġetti mixtrija online minn bejjiegħa bl-imnut mhux tal-UE issa japplikaw għal xiri online mir-Renju Unit. Biex tevita sorpriżi mhux pjaċevoli meta tordna online mir-Renju Unit, **dejjem aqra bir-reqqa t-termini u l-kundizzjonijiet, u l-informazzjoni dwar il-konsenja.**


Is-siti web kollha li jbiegħu l-oġġetti fl-UE huma obligati li jinfurmaw lill-konsumaturi dwar il-prezz totali tal-oġġetti u s-servizzi, inklużi t-taxxi u kwalunkwe imposta oħra. Jekk ma jkunux jistgħu jiġu kkalkulati minn qabel, il-konsumatur għandu jiġi infurmat li jaf ikun hemm bżonn jitħallsu imposti addizzjonali. Itlob l-għajnuna mis-siti web biex tikkalkula kemm se jkollok bżonn tħallas aktar flus u qabel il-prezz ma' offerti oħra.



## X'imposti jaf ikolli bżonn inħallas?



Meta l-oġġetti jiġu kkonsenjati fl-UE minn pajjiż mhux tal-UE, trid tħallas il-VAT, l-istess bħalma tagħmel għal oġġetti mixtrija fl-UE.\*



**Dazju tas-sisa** jrid jitħallas ukoll meta tordna prodotti tal-alkoħol jew tat-tabakk mir-Renju Unit.



Jekk il-valur totali tal-oġġetti ordnati jkun aktar minn EUR 150 u l-oġġetti ma kinux immanifatturati fir-Renju Unit, ikollok tħallas **dazji tas-sisa** meta jidħlu fl-UE.

\* Iċċekkja mal-awtoritajiet tal-Istat Membru tiegħek biex tara jekk hemmx limitu ta' valur li taħtu l-VAT ma għandhiex għalfejn titħallas fuq bejgħ online. Mill-1 ta' Lulju 2021, kull limitu se jitneħħa fl-UE kollha, u l-VAT se jkollha titħallas fuq il-bejgħ online kollu minn pajjiżi mhux tal-UE.

# Kif inħallas l-imposti dovuti fuq l-ordni

## VAT fuq l-Importazzjoni



Meta tixtri online mir-Renju Unit, se jkollok tħallas il-VAT, bħalma kont tagħmel qabel Brexit. Il-VAT jew titħallas fil-punt tal-bejgħ fuq is-sit web, jew in-negozju jista' jitlob lill-operatur postali jew lill-kurrier tiegħu biex jiġbor il-VAT f'ismu mal-konsenja lill-konsumatur. Din l-informazzjoni għandha tkun spjegata b'mod ċar fuq is-sit web.

## Dazji tas-sisa u dazji doganali



Skont l-oġġetti li tordna, tista' tirċievi fattura għad-dazji tas-sisa u/jew dazji doganali mill-awtoritajiet doganali, l-operatur postali jew il-kurrier tiegħek. Din il-fattura għandha titħallas qabel ma l-oġġetti jgħaddu għandek.

## Tariffi għall-iżdoganar tal-merkanzija



L-operaturi postali u l-kurrieri jistgħu wkoll jitolbu tariffa għall-ittrattar tal-iżdoganar tal-merkanzija. Din l-ispiża żejda tista' tintalab mill-operatur postali jew mill-kurrier mal-konsenja, jew tista' tiġi assorbita fil-prezz finali li tkun ħallast għall-oġġetti. Oġġetti li għalihom ma għandekx għalfejn tħallas dazji doganali (eż. b'valur totali inqas minn EUR 150) huma wkoll soġġetti għal iżdoganar tal-merkanzija.

### Eżempju 1



**Ana fi Spanja** tordna spirti li jiswew EUR 30 (bil-VAT mhux inkluża), immanifatturati fir-Renju Unit, minn sit web ibbażat fir-Renju Unit.

Il-kumpanija tar-Renju Unit titlob lill-kurrier tagħha biex jieħu ħsieb kwalunkwe imposta fuq l-importazzjoni tal-UE fuq il-pakkett.

L-ebda dazju doganali ma japplika, peress li l-oġġetti ġew prodotti fl-intier tagħhom fir-Renju Unit. Madankollu, Ana tirċievi fattura għall-VAT fuq l-importazzjoni applikabbli u dazju tas-sisa mill-awtoritajiet doganali Spanjoli jew l-operatur postali qabel ma l-ispirti jistgħu jgħaddu għandha.

#### Ftakar

**Negozji mhux tal-UE li jbiegħu fl-UE għandhom jis-pjegaw b'mod ċar it-taxxi u l-imposti kollha involuti fixxiri ta' oġġetti qabel ma tikklikkja fuq il-buttuna biex tixtri.**

### Eżempju 2

**Peter fl-Irlanda** jordna elettroniċi mmanifatturati fiċ-Ċina minn bejjiegħ online bbażat fir-Renju Unit. L-elettroniċi jiswew EUR 160 (bil-VAT mhux inkluża) u n-negozju fir-Renju Unit iżommlu dak l-ammont lil Peter.

In-negozju fir-Renju Unit jitlob lill-kurrier tagħhom biex jieħu ħsieb kwalunkwe imposta fuq l-importazzjoni tal-UE fuq il-pakkett.



Peter iħallas EUR 160 lill-bejjiegħ online.

Peress li l-elettroniċi ma 'joriġinawx' mir-Renju Unit, Peter se jkollu jħallas ukoll dazji doganali qabel ma jista' jieħu l-pakkett.

Imbagħad se jirċievi fattura mill-awtoritajiet doganali Irlandiżi/l-operatur postali jew mill-kumpanija tal-konsenja fejn se jintalab iħallas id-dazju fuq l-importazzjoni u l-VAT.

Il-dettalji kollha dwar ordnijiet online minn pajjiż mhux tal-UE huma disponibbli hawnhekk:

<https://europa.eu/!WM73dj>

